# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 984

KAZ NRU. 1159

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Simon Busuttil

u

Handkrafts

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Illum: 9 ta' Novembru, 1998

**Chairman : Is-Sur Colin Tabone**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tal-Harsien Socjali permezz ta' ittra datata 10 ta' Lulju, 1997 Ref. MHS/TI/48/97 biex tigi processata skond il-provvedimenti ta' l-Artiklu 28(2) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm disa' (9) seduti.

L-appellant kien assistit fil-bidu mill-avukat George Abela u mis-sur Michael Parnis u mis-seduta tas-17 ta' Frar, 1998 mill-avukat Frank Cassar.

Is-Socjeta' ntimata Handkrafts kienet rapprezentata mis-sur Martin Aquilina assistit mill-avukat Peter Fenech.

**Statements of Case**

L-appellant kien impjegat mad-ditta Handkrafts bhala *Sales Manager* fl-1 ta' Marzu, 1992 u fid-19 t'April 1997 inghata ittra mis-sur Martin Aquilina fejn gie nfurmat illi l-impjieg tieghu gie tterminat b'effett immedjat.

Jistqarr li kemm dam impjegat qatt ma nghata *warning* la verbali u lanqas bil-kitba kif inhu allegat.

Ic-certifikat ta' Temm ta' l-Impjieg jghati r-raguni bhala Azzjoni ta' Dixxiplina.

Kemm kien ilu mpjegat qatt ma kellu problemi u dejjem ghamel ix-xoghol kif kien jigi mitlub minn zmien ghal zmien. Kien attenda zewg *courses* wiehed dwar *Customer Care* mill-MISCO u *course* iehor minn *Strategic Marketing International* dwar *Retail Customer Service*.

Wara l-Milied tal-1996 is-sur Aquilina baghat kartolina fejn irringrazzjah ghax-xoghol li ghamel u fi Frar tal-1997 ghamillu riferenza tajba biex ikun jista' jiftah kont il-Bank of Valletta Ltd.

Fl-ewwel gurnata ta' xoghol wara tkeccija l-kumpanija impjegat 4 (erba') haddiema godda biex jiehdu posthom u nghatatilhom uniformi gdida.

Min-naha tal-kumpanija t-tkeccija kienet gusta u legali u li giet wara diversi twissijiet.

"Ghar-rigward tmexxija minn zmien ghal zmien kienu jsiru laqghat mal-istaff kollu u jiena kont naghti l-istruzzjonijiet u Simon Busuttil kien responsabbli li jimplimentahom.

Simon Busuttil kien ukoll intbaghat kors dwar tmexxija ta' hanut u dan sabiex ikun jaf ahjar jaqdi r-responsabilitajiet tieghu. F'Ottubru/Novembru tas-sena l-ohra, jiena ridt ninghatu kors iehor izda rrifjuta li jmur. Naturalment il-kors kienet ser thallsu s-socjeta'.

Minkejja dan l-appellant ma kienx jaghti kaz l-istruzzjonjiet li kien jircievi u s-sitwazzjoni baqghet piu o meno l-istess anke wara li tajtu twissija bil-miktub fil-25 ta' Settembru, 1995. Is-sitwazzjoni kienet tirranga ghal ftit taz-zmien wara kull twissija verbali tieghi, izda mbaghad is-sitwazzjoni terga' tiddegenera.

L-attegjament tal-appellant kien tali li fl-ahhar tal-impjieg tieghu, tista' tiddiskriviha bhala wahda ta' sfidi kontinwi lejn is-socjeta' Handkrafts u l-Awtorita' tieghi. Kien jiekol hu u jippermetti lill-ohrajn li jieklu fil-hanut fil-prezenza tal-klijenti, dan kollu minkejja li kien imwissi ripetutament sabiex dan ma jaghmlux u kien qed jidher car li dan kien isir bi sfida.

Kien mitlub jassigura li l-ebda klijenti, sakemm kien possibbli ma jithallew fil-hanut mhux akkumpanjati minn sales person. Kien ordnat ma jhalli lil hadd fis-sular ta' fuq jekk hemmhekk ma kienx hemm sales person jissorvelja. Din is-sitwazzjoni kienet il-hin kollu tigri. Kont nidhol il-hanut u fuq insib nies minghajr sales person u xi tnejn mill-istess

sales persons ipacpcu bejniethom isfel. L-iskuza kienet dejjem li l-klijenti kienu ghadhom kemm telghu fis-sular ta' fuq.

L-appellant kien ordnat izomm ir-radio dejjem fuq stazzjon li jdoqq muzika addattata u mhux xi partita football. In-numru ta' drabi li dhalt gewwa l-hanut u sibt ir-radio fuq xi loghba football ma nghoddhomx. Spicca sabiex igib radio zghir u jzommu warajh nhar ta' Sibt wara nofs in-nhar sabiex xorta jisma' l-football.

L-appellant kien ukoll responsabbli sabiex izomm il-hanut pulit u organizzat. Ghal dan l-ahhar sentejn il-hanut kien fi stat dizorganizzat li seta' biss fixkel l-iskop li ghalih kien jinfetah. Kien ikun hemm kaxxi fuq kaxxi fin-nofs mhux imdahhlin f'posthom. Sempliciment imqeghda mal-genb u f'postijiet fejn logikament ma jaghmilx sens li jkunu hemm. Tant kont nilmenta fuq dan, li sa fl-ahhar ma stajtx naccetta din is-sitwazzjoni aktar, u darba f'festa pubblika qbadt, ftaht il-hanut u ghamilt nofs ta' nhar shih norganizza l-hanut. Gbidt l-attenzjoni tal-haddiema li dan kien xogholhom. Minkejja dan, wara ftit ta' zmien, il-hanut rega' kien dizorganizzat. Fil-fatt ftit qabel ma keccejthom huma kienu organizzaw il-hanut. Meta gew fuqi u gibduli l-attenzjoni ta' dan, ir-risposta tieghi kienet "*two years too late*".

Haga ohra li kienet issir minkejja l-ordnijiet sabiex din ma ssirx, kienet li l-kaxxi tat-*toys* jinfethu billi jqattawhom u mhux jaqtghu it-tape li jkun hemm fuqhom. Dan ifisser li ahna mbaghad kellna nnaqsu l-prezz ghaliex hadd ma jkun irid kaxxa mqatta'. Fuq din ghajjejt inhambaq, izda fuq widnejn torox waqa'.

L-appellant Simon Busuttil kien responsabbli mill-ftuh tal-hanut u l-gheluq tal-hanut. Il-hin li kien jiftah kellu jiffirma karta tal-attendenza. Kemm il-darba rrizultali bil-provi li jkun fetah tard jew ghalaq ftit minuti kmieni. Dan lili rrzultali ghaliex LCD Display tat-telephone jindika kemm kien ilu mixghul id-dawl fil-hanut. Minkejja l-provi Simon Busuttil dan xorta nnegah.

Darba waqt li kont qed insuq lejn l-ufficcju rajt lill-appellant fuq il-Bus Stop hdejn il-Wimpey fit-8.55a.m. Dan meta suppost bhala l-Manager jiftah il-hanut fit-8.30a.m. B'dan, jiena kont infurmajt lil Simon Busuttil.

L-istess gara fl-ahhar tas-sena New Year's Eve meta l-hanut inghalaq fis-6.45p.m. flok fis-7.00p.m. Dan jien indunajt ghaliex cempilt il-hanut fis-6.45p.m. biex naghti l-awguri lill-haddiema, izda hadd ma rrisponda t-telefon. L-ghada mill-istharrig li ghamilt sirt naf li l-hanut inghalaq fis-6.45p.m.

L-arroganza tal-appellant jidher ukoll f'haga zghira bhar-rigal tal-Milied li kont naghti lill-haddiema kollha. Simon Busuttil kien jippretendi li bhala Manager ir-rigal ta' flus li kien jircievi hu, kellu jkun aktar minn dak ta' shabu. Fil-fatt flok il-grazzi kien jilmenta u jissupervja. Din is-sena f'tentattiv li ngieghlu jirranga, tajtu rigal akbar mill-haddiema l-ohra, izda kollu ta' xejn."

Fis-sottomissjonijiet finali l-appellant isostni li bhala Sales Manager kellu *commission* ta' Lm2,000 fis-sena u fl-ittra li biha gie mgharraf li tkecca mix-xoghol tissemma "*daily short comings*" ghalkemm fil-paragrafu ta' wara jispecifika biss "*you frequently do not open the shop on time*" u "*do not seem to have any control of your subordinates*".

L-ilmenti tas-sur Aquilina li kellu fil-konfront ta' l-appellant kienu :

a. irrifjuta li jattendi ghall-kors;
b. jiekol hu u jippermetti lill-ohrajn jieklu fil-hanut;
c. jippermetti li klijenti ma jkunux akkumpanjati minn *sales person* jew jippermetti klijenti fis-sular ta' fuq meta ma jkunx hemm *sales person*;
d. izomm radio fuq il-loghob tal-futbol;
e. ihalli l-hanut dizorganizzat;
f. jippermetti li l-kaxxi tat-toys jitqattghu biex jinfethu; u
g. kien jiftah il-hanut tard jew jaghlaq kmieni.

Skond l-appellant dawn l-ilmenti gew michuda.

Fl-ahhar seduta tal-5 ta' Mejju saru xi verbali kif jidher hawn taht:

**VERBAL**

"Dr. Peter Fenech, ghas-Socjeta' appellata, jirrileva illi, wara r-raba' seduta mitlubin mill-appellant sabiex jipprezenta dokumenti fejn f'dawn is-seduti, mhux bissipprezenta dokumenti kif kienu talbu, izda ressqu wkoll xhieda. Jirrileva illi llum is-seduta stante tressqu da parte ta' l-appellanti fatti fosthom il-kwistjoni ta' overtime li jimmeritaw li jigu konstatati fattwalment.

Is-Socjeta' appellata m'ghandhiex din l-informazzjoni mahduma u ghaldqstant ma tistax illum tesebiha propju minhabba l-fatt illi x-xhieda fuq dan il-punt ma kienetx

nmistennija. Is-Socjeta' appellata ssostni li huwa dritt fondamentali taghha sancit minn kull ligi illi tirribatti u tinghata l-fakulta' li ggib dokumenti dwar kull xhieda titqajjem meta titqajjem."

**Konkluzzjonijiet**

It-Tribunal hawnhekk jinnota li hemm nuqqas ta' kredibilita' min-naha tal-appellant. Dawn jidhru fil-warning li nnega li sar fil-kwistjoni ta' l-"insurance" u fil-hinijiet tal-ftuh u l-gheluq, kif ukol fin-numru ta' nies godda li gew impejgati wara t-tkeccija tieghu.

L-appellant isostni li kellu telf ta' flus minhabba t-tkeccija.

It-Tribunal isaqsi li kieku r-relazzjonijiet bejn l-impjegati u s-sur Aquilina kienu dicenti, zgur li din is-sitwazzjoni ma kinetx issehh.

Ix-xhieda ma kinitx koerrenti li ma ghenux il-kawza ta' l-appellant. Minhabba f'hekk u minhabba nuqqas ta' kredibilita', t-Tribunal iqis li t-tkeccija kienet gusta.

Ghal finijiet ta' l-Avviz Legali numru 48 ta' 1986 it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet bil-mod kif gej :

Ghan-naha tas-Socjeta' erbghin lira maltin (Lm40) ghal min assistiha, u ghan-naha ta' l-appellant ghoxrin liri maltin

(Lm20) li jinqasmu bejn Dr. G. Abela/is-Sur Parnis u ghoxrin liri maltin (Lm20) ghal Dr. Frank Cassar.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

--------------------
**Colin Tabone**
**CHAIRMAN**

----------------
**Emma Muscat**
**A/SEGRETARJA**

mrg